MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Rikors Numru. 1109/2007

Emanuel Baldacchino
vs
Max Galea

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Max Galea li bih espona:

Illi Emanuel Baldacchino talab u ottjena l-hrug tal-precitat mandat ta' sekwestru kontra tieghu sabiex jissalvagwarda l-pretensjonijiet minnu dedotti fil-kontro-talba tieghu maghmula fil-kawza citazzjoni numru 20/2006 fl-ismijiet Max Galea vs Emanuel Baldachino;

Illi l-pretensjonjiet ta' Emanuel Baldacchino gja jinsabu adekwatament salvagwardjati tramite privilegg specjali li huwa rregistra kontra l-istess Max Galea fuq proprjeta` immobiljari fejn inhadem ix-xoghol in kwistjoni u dana kif

jirrizulta mill-istess kontro-talba li Baldacchino ressaq fl-imsemmija kawza Cit Numru 20/2006CFS.

Illi l-valur tal-imsemmija proprjeta` teccedi bil-bosta l-ammont tal-pretensjoni intavolata minn Baldacchino fil-kontro-talba tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lill-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi tordna l-hrug tal-kontro-mandat ghall-mandat ta' sekwestru fuq citat fl-ismijiet premessi u dana ai termini tal-artikolu 836 (1) (c) Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Emanuel Baldacchino li biha espona:

Illi kif awtorizzat minn dina l-Qorti pprezenta l-prezenti risposta ghar-rikors Max Glaea (l-intimat fil-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni) fl-istess ismijiet permessi (Rikors Nru 1009/07FS), li bih l-istess intimat qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' Sekwestru in kwistjoni a tenur tal-artikolu 836(1) (c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-talba ta' Max Galea hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tkun michuda, bl-ispejjez, u dana ghar-ragunijiet segwenti:

Illi fir-rikors tieghu Max Galea stqarr testwalment "illi l-valur tal-imsemmija proprjeta` teccedi bil-bosta l-ammont tal-pretensjoni intavolata minn Baldacchino fil-kontro-talba";

Inghad illi din l-istqarrija hija biss allegazzjoni, u ladarba l-ebda prova ma ngabet in sostenn taghha tibqa' biss allegazzjoni, li fuqha l-intimat stieden lill-Qorti tiddeciedi r-rikors odjern.

Illi anki li kieku dina l-Qorti kellha tqis l-allegazzjoni ta' Max Galea bhala ppruvata, inghad li jekk il-proprjeta` in kwistjoni kellha tinbiegh bis-subasta, ir-rikavat ta' dak l-eventwali bejgh ma jirreflettix il-valur li Max Galea qed jallega li dik il-proprjeta` tgawdi, mentri s-sorte tal-Mandat

ta' Sekwestru jirrifletti l-valur tal-pretensjonijiet ta' Emanuel Baldacchino, kif dedotti fil-kontro-talba, salv ammonti uletrjuri dovuti lil Emauel Baldacchino kif imfisser fl-istess kontro-talba u fl-istess Mandat ta' Sekwestru.

Illi ghalhekk abbazi tal-ahhar paragrafu qabel dan, ma tezistix garanzija xierqa ohra biex taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet ta' Emanuel Baldacchino, kuntrarjament ghal dak allegat minn Max Galea. Illi dan jinghad ukoll in kwantu l-privilegg specjali registrat minn Emanuel Baldacchino fuq il-proprjeta` in kwistjoni mhix garanzija imma tiddetermina biss ***ranking*** fost il-kredituri min minnhom jithallas l-ewwel.

Illi l-privilegg specjali li rregistra Emanuel Baldacchino lanqas jaghtih garanzija li huwa ser jithallas qabel kredituri privileggjati ohra, u dan in vista tal-fatt li dawn il-kredituri privileggjati l-ohra jistghu jgawdu ***ranking*** superjuri ghal dak ta' Emanuel Baldachino.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi Emanuel Baldacchino talab lil din il-Qorti tichad it-talba ta' Max Galea ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru fl-istess ismijiet premessi bl-ispejjez kontra Max Galea, u dana taht kull provvediment iehor xieraq u opportun.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi jirrizulta li skond rikors ghal Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju intavolat fis-17 ta' Settembru 2007 li gie milqugh fl-20 ta' Settembru 2007 numru 1380/07 il-Qorti ordnat is-sekwestru ghal Lm12,891.37 oltre imghax u spejjez u b'hekk Lm12,972.82. Li Max Galea ghamel rikors ghall-hrug tal-kontro-mandat a tenur tal-aritkolu 836(1)(c) minhabba li l-pretensjonijiet ta' Emanuel Baldacchino jinsabu adegwatament salvagwardjati tramite privilegg specjali li huwa rregistra kontra l-istess Max Galea fuq proprjeta` immobiljari.

- Jigi notat li l-imsemmi Max Galea ma pprezenta ebda certifikat ta' xi perit li juri l-valur tal-proprjeta` fi flus.

- Ma hemm ebda garanzija ohra min-naha ta' Max Galea biex tissodisfa l-pretensjonijiet ta' Emanuel Baldacchino.

- Illi l-privilegg specjali registrat minn Baldacchino fuq il-proprjeta` in kwistjoni mhix garanzija izda biss tiddetermina r-***ranking*** fost il-kredituri dwar min jithallas l-ewwel u ma gew esebiti ebda ricerki dwar dan.

- Jista' jkun hemm kredituri privileggjati.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ma thossx li tista' tilqa t-talba tar-rikorrent.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------